**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 335/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Omissis**

**Illum, 27 ta' Settembru 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Omissis;**

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar l-14 ta` Ottubru 2012 u fil-ġimgħat ta' qabel:

1) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

4) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wieġeb illi mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-każ odjern, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' traffikar tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*, kif ukoll bil-pussess 'sempliċi' tal-istess *ecstasy*, tal-mediċina psikotropika u ristretta *mephedrone*, kif ukoll tar-raża tal-*cannabis* u dan wara illi fl-14 ta' Ottubru 2012, huwa nstab fil-pussess ta' pilloli suspettati *ecstasy*.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Pierre Grech** jgħid illi fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Ottubru 2012, waqt ronda ġewwa l-parkeġġ fl-akkwata tad-diskoteka *Tattingers*, fir-Rabat, PC 525 u PC 1503 lemħu żewġ ġuvintur qrib vettura, waqqfuhom u saret tfittxija kemm fuq il-persuna tagħhom, kif ukoll fil-vettura. Irriżulta illi l-ġuvintur kienu l-imputat odjern u sieħbu Jurgen Debono u l-vettura kienet proprjeta` ta' Debono. Fuq il-persuna tal-imputat instabu żewġ pilloli *ecstasy*, fil-waqt illi fil-vettura nstabu għaxar pilloli suspettati *ecstasy* ġewwa kontenitur fil-*glove compartment*, u tnax-il pillola wkoll suspettati *ecstasy* f'kontenitur u żewġ karti tal-flus irrumblati fil-bieba tax-xufier. Fl-*ashtray* instab ukoll *roach*. Kemm l-imputat, kif ukoll Debono ġew arrestati u meħuda l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. L-imputat irrilaxxja stqarrija wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[1] Preżenti waqt l-interrogatorju tiegħu, kien hemm ukoll omm l-imputat Carmen Bugeja u dan stante li l-istess imputat kien minuri dak iż-żmien. L-Ispettur Grech esebixxa Dokument PG3, konsistenti "*f'pakkett tas-sigaretti Ronson aħmar u bott tal-plastik bil-kelma 'Orbit' fuqu*".[2]

2. **PC 1503 David Buhagiar** xehed illi fl-14 ta' Ottubru 2012, għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03:00am), fit-telgħa tas-Saqqajja, ġewwa r-Rabat, innutaw vettura tal-marka Honda Civic ta' lewn oranġjo, bin-numru ta' reġistrazzjoni CBQ171, f'liema vettura kien hemm żewġ ġuvintur ossia l-imputat odjern u ċertu Jurgen Debono. Dak il-ħin, dawn kienu qegħdin fil-vettura u nħasdu x'ħin intebħu bil-pulizija. Waqt tfittxija li saret fil-vettura, instabu fuq in-naħa tax-xufier, kontenitur iswed li kien fih tnax-il pillola bil-*logo* tal-Mitsubishi, żewġ karti tal-flus – waħda ta' għaxar ewro (€10) u oħra tal-ħames ewro (€5) li kienu mrembla forma ta' *pipe* u kien fihom traċċi ta' trab ta' kulur abjad, u ġol-*ashtray*, instab ukoll *rouch* u kantuniera tal-plastik bi traċċi bojod. Fuq il-persuna tal-imputat, fuq in-naħa tal-lemin tal-*jeans* tiegħu, instab pakkett tal-għamla *Ronson* li fih kien hemm żewġ pilloli oħra bl-istess *logo* u kontenitur tal-*Orbit* li fih kien hemm għaxar pilloli bl-istess *logo*.[3]

3. **PC 525 Charlton Falzon Cascun** xehed illi fil-jum in kwistjoni għall-ħabta tat-3:00a.m., waqt ronda ġewwa r-Rabat hu u PC 1503 innutaw vettura tal-għamla Honda Civic ta' lewn oranġjo, bin-numru ta' reġistrazzjoni CBQ171, ma' liema vettura kien hemm żewġ persuni li dehru suspettużi ossia l-imputat odjern u ċertu Jurgen Debono. Fuq il-

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 15 sa 18 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 11 u 12 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 8 u 9 tal-proċess.

persuna tal-imputat, fuq in-naħa tal-lemin tal-*jeans,* instab pakkett 'Ronson' li kien fih żewġ pilloli suspettati *ecstasy* u kontenitur taċ-*chewing gum Orbit* li kien fih għaxar pilloli suspettati *ecstasy*. Ix-xhud għaraf il-kontenut ta' Dok. PG 3 bħala l-oġġetti li huwa eleva mingħand l-imputat.[4]

4. Mir-relazzjoni esebita mix-**Xjenzat Godwin Sammut**[5], maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita in atti, jirriżulta illi huwa ngħata borża tal-plastik li fiha kien hemm:

   i. karta bil-kliem 'Data: 14/10/12 Ħin: 3AM Elevat/i minn ġol-but tal-lemin ta' quddiem ta' Omissis fil-preżenza ta' Omissis minn PC525 PC1503;

   ii. pakkett tas-sigaretti li fih 2 pilloli ta' lewn aħdar;

   iii. karta oħra bil-kliem Data: 14/10/12 Ħin: 3AM Elevat/i ġol *glove compartment* tal-Honda civic CBQ171 fil-preżenza ta' Omissis minn PC525 PC1503;

   iv. bott ta' lewn abjad li fih 10 pilloli ta' lewn aħdar.

   Dwar dawn, l-espert ikkonkluda s-segwenti:

   Illi fl-estratt meħuda mill-pilloli li ġew analizzati nstabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru total ta' pilloli kien ta' 12. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Da parti tiegħu, l-imputat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jgħid illi l-jum in kwistjoni kien jaħbat għeluq snin Jurgen Debono, li dak iż-żmien kien ħabib tiegħu. Kienu jabbużaw mis-sustanzi flimkien u dakinhar kienu ftehmu illi jixtru ħamsin pillola *ecstasy*. Spjega illi minn dawn kellhom jagħtu xi pilloli lil xi ħbieb tagħhom u dan peress illi l-ħbieb kienu tawhom xi pilloli l-*weekend* ta' qabel u allura kellhom irodduhomlom lura. Spjega illi dan kien iseħħ għaliex ma kienx ikollhom flus. Dak iż-żmien kien għadu kemm jibda jaħdem u għalhekk kien jistenna li tidħol il-paga mill-impjieg *full time* biex iħallas lura. Jgħid illi meta ġew imwaqqfa mill-Pulizija, huwa kien fadallu tnax jew tlettax-il pillola, fil-waqt waqt illi Debono kellu madwar tlettax. Spjega wkoll illi mill-kwantita` akkwistata, huma diġa` kienu kkonsmaw xi pilloli. L-imputat jgħid ukoll illi huwa kellu jrodd lura madwar erba' pilloli mill-*weekends* ta' qabel, fil-waqt illi Debono kellu jrodd xi ħamsa lura. Żied jgħid illi dakinhar huwa kellu l-pilloli fil-bott taċ-

[4] Ara a fol. 19 u 20 tal-proċess.
[5] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 44 sa 65 tal-proċess.

*chewing gum Orbit*, li kienu jinsabu fil-vettura ta' Debono. Jgħid ukoll illi qabel kien jieħu anki madwar tmien pilloli f'*weekend* u illi l-pilloli misjuba fil-pussess tiegħu kienu għall-konsum personali tiegħu. Spjega wkoll illi dakinhar, filgħodu, kien mar ma' Debono sabiex jakkwistaw il-pilloli, imbagħad marru d-dar u hu kkonsma żewġ pilloli. Wara lestew, ħarġu u marru r-Rabat. X'ħin ġew imwaqqfa mill-Pulizija, huwa kellu żewġ pilloli fuqu, fil-pakkett tas-sigaretti u l-bqija tal-pilloli kienu fil-*dashboard* tal-vettura fil-bott tal-*Orbit*, sabiex ma jżommx kollox fuqu. In kontro-eżami, l-istess imputat ikkonferma illi huwa radd il-pilloli li kienu dejn, dakinhar stess tal-arrest tiegħu. Dan ġara wkoll xi drabi oħra qabel u skont hu, ġieli kien iħallas ukoll bil-flus għall-pilloli li kien jiddobba mingħand sħabu.[6]

Xehed ukoll l-Uffiċjal tal-*Probation* **Glenn Grixti**, li esebixxa *Social Inquiry Report* fir-rigward tal-imputat odjern. Skont l-istess rapport, l-imputat kellu trobbija diffiċli. Minħabba problemi finanzjarji, l-omm kienet kostretta tlaħħaq ma' żewġ impjiegi u għalhekk ma kinitx tkun id-dar, bir-riżultat illi l-imputat trabba man-nanna u maz-zija. Il-ġenituri tal-imputat kienu jitlewwmu ta' spiss u sseparaw meta kien ta' eta\` żgħira. Kien hemm drabi meta l-missier kien vjolenti u dan it-tilwim u l-vjolenza kellhom impatt tassew negattiv fuq l-imputat u ħutu. L-imputat kellu żewġ skontri mal-ġustizzja fil-passat u dan kien dwar tilwim ma' ħutu. Skont l-istess rapport, l-imputat jgħid illi huwa kellu l-ewwel kuntatt mad-droga meta kellu ħmistax-il sena. Matul il-ġimgħa kien juża l-*cannabis*, fil-waqt illi fit-tmiem tal-ġimgħa kien juża l-*ecstasy* u ġieli abbuża wkoll mill-kokaina u mill-*mephedrone*. Jirriżulta wkoll madankollu illi fiż-żmien tar-rapport, l-imputat kien qed jagħmel ħiltu sabiex jgħix ħajja stabbli. Kellu impjieg fiss, kien jgħix għal rasu f'appartament bil-kera u jmantni lil uliedu tewmin. L-Uffiċjal tal-*Probation* jgħid illi kampjun tal-urina li ttieħed lill-imputat fil-21 ta' Marzu 2017 irriżulta pożittiv għall-*cannabis*, fil-waqt li rriżulta fin-negattiv għall-eroina u l-kokaina, iżda l-imputat innega li juża l-*cannabis* b'mod regolari.[7]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Qabel tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, il-Qorti sejra tikkunsidra fl-ewwel lok, l-ammissibilita\` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija fl-14 ta' Ottubru 2012, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-imputat ma ġiex mogħti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Tali dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 49 sa 55 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 76 u 77 tal-proċess.

Dwar l-ammissibilita` o meno ta' stqarrija rilaxxjata f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mirrikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita

minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.  F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat la ngħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u wisq inqas il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14.  Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq.  Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk:

"*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal*

*proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-

restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

"*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija,*

*awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*

*21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

*...*

*23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh*

*u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101].*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fil-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Prosekuzzjoni qed tistrieħ *inter alia* fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, mingħajr il-jedd li jkun assistit waqt l-interrogatorju tiegħu. Huwa evidenti illi jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat. Fil-każ odjern, l-imputat, dak iż-żmien minuri, għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti fl-istqarrija minnu rilaxxjata, tant illi huwa ġie mixli bir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni esklussivament fid-dawl ta' dak li stqarr - u għalhekk huwa evidenti illi kemm il-darba din il-Qorti tieħu tali stqarrija in konsiderazzjoni, din ser ikollha impatt kbir fuq l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrija tal-imputat u għalhekk qegħda tiskartaha, kif qegħda tiskarta wkoll kwalunkwe xhieda li tagħmel referenza għal dak li stqarr l-imputat waqt l-arrest tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat jammetti illi fil-jum tal-14 ta' Ottubru 2012 huwa nstab fil-pussess ta' tnax-il pillola *ecstasy*. Għalkemm jgħid illi dawn il-pilloli kienu kollha intiżi għall-użu personali tiegħu, biss jgħid ukoll illi tali pilloli kienu parti minn kwantita` akbar ta' pilloli, ossia ħamsin pillola, li xtraw hu u sieħbu fil-għodu. L-istess pilloli

mbagħad inqasmu bejnu u bejn sieħbu. Jgħid ukoll illi mis-sehem tiegħu ta' pilloli, huwa kellu jrodd xi erba' pilloli lura lil sħabu u dan peress illi huma kienu tawh il-pilloli fil-*weekend* ta' qabel. In oltre mis-sehem tiegħu, kien ikkonsma tnejn fil-għodu meta rritorna d-dar u kkonsma oħrajn fil-għaxija, qabel ġie arrestat, meta ħareġ jiċċelebra għeluq snin sieħbu. Żied jgħid ukoll illi f'*weekend* kien jieħu anke tmien pilloli.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi l-pilloli elevati mill-pussess tal-imputat u mill-vettura in kwistjoni, fil-fatt kien jikkontjenu s-sustanza MDMA u għalhekk kienu pilloli *ecstasy.*

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' traffikar tal-pilloli *ecstasy*.

Illi ai termini tal-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma 'jittraffika' (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza.*"

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi l-ammont totali ta' pilloli li akkwista l-imputat dakinhar ossia ħamsa u għoxrin pillola, mhuwiex ammont li normalment wieħed jassoċjah ma' użu personali u anke jekk l-imputat jgħid illi huwa kien jikkonsma xi tmien pilloli f'lejl, li wkoll huwa ammont pjuttost eċċessiv, xorta waħda dan ma jiġġustifikax għaliex l-imputat kellu jakkwista ħamsa u għoxrin pillola f'daqqa fil-jum in kwistjoni u mbagħad joqgħod jiġri bihom barra. Madankollu, fi kwalunkwe każ, il-verżjoni tal-imputat li effettivament mhijiex kontradetta bi provi oħrajn la darba l-istqarrija ġiet skartata, xorta twassal għal sejbien ta' ħtija dwar traffikar ta' pilloli *ecstasy* u dan stante illi l-azzjonijiet tiegħu meta huwa provda l-pilloli lil sħabu fil-lejl in kwistjoni sabiex jagħmel tajjeb jew 'iħallashom' tal-pilloli li huma kienu provdewlu fil-*weekends* ta' qabel jammontaw għal traffikar tad-droga.

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Nathan John Farrugia</u>** tal-10 ta' Lulju 2014. Għalkemm f'dak il-każ, il-fatti ma kinux identiċi bħala dawk tal-każ odjern u dan għaliex f'dak il-każ, l-imputat kien partat droga ma' terza persuna, madankollu

fil-fehma ta' din il-Qorti, il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti japplikaw bl-istess mod għall-każ odjern. Qalet hekk il-Qorti tal-Appell Kriminali f'dak il-każ:

"*Id-Difiza qieghda targumenta illi l-kelma provvista kif muri fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 ma jwassalx ghall-traffikar fis-sens tal-ligi. Din il-Qorti ma taqbilx u taqbel pjenament però mal-argumenti migjuba mill-ewwel Qorti fit-tifsira ta' din il-kelma. Il-Kap 101 jaghti tifsira wiesa hafna tal-kelma traffikar u tibda bil-premessa "tinkludi ...". Dan ifisser, kwindi, illi dik il-lista illi ssegwi wara mhiex ezawrienti u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet illi mhumiex inkluzi f'din id-definizzjoni li ukoll jinkwadraw bhala traffikar. Hu ovvju li l-ligi trid timpedixxi kull forma ta' transazzjoni illi tinvolvi d-droga. U meta wiehed ipartat droga ma' ohra jkun qieghed jipprovdi lil terz droga illi qabel ma kellux. F'dan il-kaz gie allegat mill-istess appellant illi Mangion kien qallu illi kellu xi haga gdida u ghalhekk l-appellant ried jipprova din "ix-xi haga gdida" u ipprovda droga lil Mangion biex dan tal-ahhar jipprovdilu dak illi ried. Veru illi hawnhekk ma sarx skambju ta' flus; però sar skambju ta' droga u dan huwa l-korrispettiv. L-appellant ipprovda droga lil Mangion u li dan tal-ahhar hallsu billi tah droga ohra. Dan it-tpartit huwa skambju ekonomiku f'kull sens tal-ligi u jaqa' nettament taht id-definizzjoni ta' traffikar kif esposta mill-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101....*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-imputat ħallas lil terzi bid-droga minflok bil-flus, għad-droga li huma kienu provdewlu preċedentement, huwa ċertament skambju ekonomiku li jaqa' fit-termini tat-tifsira ta' traffikar taħt l-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31.

Għaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess tal-pilloli *ecstasy*. M'hemmx dubju illi mill-provi prodotti, inkluż mix-xhieda tal-imputat inniffsu, jirriżulta illi fil-lejl in kwistjoni, huwa kien fil-pussess ta' tali droga.

Għaldaqstant anke t-tieni imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet rispettivament, imbagħad, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess tad-droga *mephedrone* u tar-raża tal-*cannabis*. Mill-atti proċesswali jirriżulta illi dawn l-imputazzjonijiet isibu sostenn biss fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Għalkemm fil-vettura fil-lejl in kwistjoni, instabu *rouch,* xi karti tal-flus bi traċċi ta' trab abjad u kantuniera tal-plastik bi traċċi bojod, m'hemm l-ebda prova li turi li r-*rouch* kien jikkontjeni l-*cannabis* jew li t-traċċi kienu proprju traċċi tal-*mephedrone*.

La darba l-istqarrija tal-imputat ġiet skartata għar-raġunijiet fuq indikati, ma jibqa' xejn fl-atti li jsostni dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok, il-fedina penali aġġornata tal-imputat, mil-liema jirriżulta illi tali fedina mhijiex waħda refrattarja u tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija dwar ġrieħi ta' natura ħafifa u reati kontravvenzjonali minnu kommessi meta kien minuri u f'ċirkostanzi ta' sitwazzjoni familjari iebsa li wasslet għal tensjoni u tilwim familjari. Fil-fatt mill-fedina penali jirriżulta illi dawn iż-żewġ każijiet kienu b'rabta ma' litiġji li l-imputat kellu ma' ħutu. Għajr għal dawn l-inċidenti, huwa ma kellu l-ebda skontri oħrajn mal-ġustizzja.

Il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech u r-rapport minnu redatt fil-konfront tal-imputat odjern. Jirriżulta ċar illi minkejja li l-imputat kellu trobbija diffiċli u beda jabbuża mid-droga ta' eta` żgħira, huwa għamel l-almu tiegħu sabiex itejjeb ħajtu, bir-riżultat illi llum huwa jgħix ħajja stabbli, għandu mpjieg fiss, u jieħu ħsieb il-bżonnijiet taż-żewġt uliedu. Tqis ukoll illi dan kien l-uniku każ li l-imputat kellu in konnessjoni mad-droga.

In oltre jirriżulta mill-att tat-twelid tal-imputat illi f'dan il-każ, huwa kien għadu minuri ta' sbatax-il sena u għalhekk japplikaw fil-konfront tiegħu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kap. 9.

Tqis ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, b'mod partikolari l-ewwel imputazzjoni, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammont ta' droga in kwistjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 u l-Artikoli 17 u 37 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet u tikkundannah għal piena ta' tliet (3) xhur priġunerija effettiva u għal piena ta' ammenda ta' ħamsa u ħamsin ewro (€55).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mija, disgħa u sittin ewro u wieħed u għoxrin ewro ċenteżmu (€169.21), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fiż-żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. PG3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-ħati stante li kien minuri fiż-żmien tal-każ odjern.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat